Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATUR
# Laqgħa Numru 64
# It-Tlieta 28 ta Novembru 2017

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-6 p.m. Din bdiet nofs-sigha tard minhabba li kien hemm laqgha ohra ghall-kunsilliera li hadet ftit aktar milli kien mistenni.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku

Charles Selvaġġi – Kunsillier

Romina Galea – Kunsillier < Harget mil-laqgha fit 7:55 pm >

Maurice Agius – Kunsillier

Lino Bartolo - Kunsillier

Emanuel Brincat – Kunsillier < Hareg mil laqgha fit 8:40pm >

Nota : Ma kienx baqa quorum u il-laqgha giet fit-tmiem fit 8:40pm

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Matthew Agius – Kunsillier

Alan Abela Wadge – Kunsillier
Matthew Mangion -Chairperson KAS

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

## 64.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

64.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittra ta' apoloġija ta' Dr. Alex Sciberras li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

64.1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Matthew Agius li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' sahha.

64.1.03 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Alan Abela Wadge li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' safar fuq xoghol.

64.1.04 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tac-Chairperson KAS Matthew Mangion li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

64.1.04 Il-Kunsilliera prezenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

64.1.05 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai talbet sospensjoni tal-Agenda u talbet biex jigi diskuss item 64.6.01 il-Financial indicators sa l-ahhar ta' Settembru minhabba inpenji ohra tal-accountant.
Il-Kunsilliera prezenti approvaw li jigi diskuss dan l-item qabel item 64.2

## 64.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport finanzjarju.

64.6.01 Sinjura Romina Perici Ferrante tat spjega dwar il-Financial Indicator Report ghat-tielet kwart tas-sena, 1st July to 30th September 2017, fejn ppreparat u poggiet fuq il-mejda kopja biex tghin lill-kunsiliera jaghmlu paragun mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel. Hawn spjegat li l-kunsill qed jahdem biex ikun jista jikkontrolla d-deficit li ilu ghaddej ghal numru ta' snin u ghalhekk l-ispejjez huma limitati ghal dawk neccessarji biex jaqdu l-funzjonijiet tal-Kunsill. Meta tqabbel dawn il-figuri, juri li l-kunsill hareg miz-zona negattiva u beda jirregistra surplus filwaqt li ghad ghandu fondi bizzejjed biex jamministra l-kumplament tas-sena.
Saru xi osservazzjonijiet mill-kunsilliera dwar zieda fl-infiq fuq stationery, servizzi professjonali u mistoqsijiet ohra dwar nuqas fuq infiq kapitali meta mqabbel mas-sena ta' qabel.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li certu spejjez kapitali huma limitati ghal xoghol zghir fuq bankini u affarijiet ohra kif indikat fl-estimi finanzjarji. Dawn bdew wara l-ahhar ta' Settembru u ma jirriflettux f'dan ir-rapport. Hawn kompla jispjega li l-allokazzjoni tohrog biex tkopri tisbieh u manutenzjoni tal-gonna, manutenzjoni tat-toroq, immanigjar tal-iskart u l- Amministrazzjoni maghhom trid izzid it-tipping fees ghalhekk meta tqis is-sitwazzjoni finanzjarja li beda sena biha l-Kunsill ma kienx hemm fondi bizzejjed biex jithallsu invoices pendenti u wisq inqas ghal progetti. Hawn fakkar li kien hemm ammonti ta' invoices ta' Tipping fees mhux imhallsa bl- lura mis-sena 2014 li b'ftehim se jkunu mhallsa kollha sal-ahhar ta' din is-sena.

64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

64.2.01 Il-minuti ta' Seduta Nru 63 ittieħdu bħala moqrija u ma kienx hemm korrezzjonijiet.

Il-minuti ġew approvati unanimament.

64.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

64.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharrfet lill-Kunsilliera prezenti dwar laqgha mas-Sur Noel Castillo ta' Leon productions biex jispjega x'jista' joffri biex tittela din l-attivita' u dan baghat il-programm ghall-attivita' tal-Milied <64.3.01> li pprezentat fuq il-mejda .
Prezenti mill-Kunsill kien hemm is-Sindku Margaret Baldachino Cefai, Is-Sur Lino Bartolo u s-Segretarju Ezekuttiv.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw unanimament il-program inkluz bis-siggijiet u jekk ikun hemm bzonn il-flood lights.

64.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda lment <64.3.02> Zebra Crossing Rue D'Argens fejn spjegat li sid ta' dar qed jitlob li din titnehha minn quddiem id-dar tieghu ghax twaqqalu l-valur tal-propjeta'.
Is-Sur Maurice Agius qal < li s-sid mhux > Malti. Madankollu kien hemm hafna nies li lmentaw meta din tnehhiet minn hemm u t-triq m'ghandiex x' taqsam mal-propjeta' ta' dan.
Il kunsilliera prezenti qablu unanimament li zebra crossing go Triq Rue D'Argens tibqa' fejn giet.
Is-Segretarju Ezekuttiv ha nota u se jaghti risposta.

Mibdula: < li s-sid mhux >

64.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Cirkulari 34/2017 <64.3.03> dwar Allokazzjoni Finanzjarja 2018

64.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda fuljett <64.3.04> Skeda tal-Gbir tal-Iskart li se jintuza biex titqassam fid-djar kollha ma' ittra skart.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li dan se jintbaghat ma' ittra gdida li tinkludi aktar lingwi u materjal iehor dwar multi, forsi jasal il-messagg.

64.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda talba ghal partecipazzjoni <64.3.05> mill-Ghaqda Melita Banda San Guzepp ghall-Uzu tal-van tal-Kunsill biex jitqassmu r-rigali tal-Milied.
Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ma jistax ikun mohhu mistrieh jekk il-van ikun uzat minn xi hadd mhux tal-kunsill b'mod specjali jekk ikun hemm xi incident li jista' ikun serju, ghalhekk qed jitlob li jekk il-Kunsill se jippartecipa f'din l-attivita' dan se jaghmel l-arrangamenti mehtiega u l-van jinstaq mill-haddiema tal-Kunsill biss.

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw unanimament li l-van jintuza biss bin- nies tal-Kunsill.

64.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda il-Poster <64.3.06> u dettalji dwar partecipazzjoni ghall-attivita' Diabetes & Hypertension testing li saret fil-11 ta' Novembru, 2017.

64.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda poster <64.3.07> u dettalji tal-partecipazzjoni ghall-attivita’ Children ,Youth and their Environment, li saret fis-26 ta’ Novembru 2017

64.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda poster <64.3.08> u dettalji ghall-partecipazjoni ghall-attivita’ Orange the World dwar Vjolenza Domestica, 29 ta’ Novembru u 1 ta' Dicembru, 2017.

64.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharrfet lill-Kunsilliera prezenti u poggiet fuq il-mejda proposta <64.3.09> ghall-attivita’ ghall-Kunsilliera u mpjegati ghall- festi tal-Milied u bidu tas-sena 2018, fejn ppproponiet li minhabba li f'dawn il-granet ikun hemm hafna attivitajiet ghaddejjin, din ghandha ssir Is-Sibt 6 ta' Jannar u skond kif permess mir-regolamenti.
Is-Sur Maurice Agius qal li fis 6 ta' Jannar jista’ ikun hemm attivita’ fejn se jkunu mistiedna l-kunsilliera u ghalhekk se jiccekja halli ma jahbtux fl-istess gurnata.
Il-kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw li jekk din possibbli ssir is-Sibt 6 ta' Jannar jew il-Gimgha 5 ta' Jannar.

64.3.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharrfet lill-Kunsilliera prezenti dwar il-hsieb li l-kunsill jippartecipa ma’ dar tal-Anzjani Msida ghall <64.3.10> Attivita’ ghall-Anzjani wehidhom biex dawn ikunu jistghu jinghaqdu ma’ anzjani ohra residenti fid-dar ghall-ikla tal-Milied, biex fejn ikun hemm xi anzjan li nafu li se jkun wahdu, bhala kunsill nistiednuh jattendi ghal din l-attivita’ sabiha.
Il-kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw li ghandu jsir poster li ghandu jitqassam fil-hwienet u notice boards biex nhajru l-anzjani wehidhom jattendu.

64.3.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharrfet lill-Kunsilliera prezenti dwar tqassim ta' juices fl-okkazjoni ta' Jum Dinji ghat-tfal u talbet lis-Segretarju Ezekuttiv jaghti dettalji.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella spjega li ghamel talba lill-Agent fil-lokalita’ biex joffri li jaghti xi haga li hija tajba halli titqassam lit-tfal tal-lokal gewwa skola primarja tal-Imsida li fil-prezent qeghda Sta Venera u dan talab ghan-numru ta' tfal u accetta li joffri fruit juices. Dawn ittiehdu ghand il-Head mistress biex tqassamhom lit-tfal tal-Imsida.

64.3.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Kommunikazzjoni <64.3.12> Approvazzjoni tal-Ministru ghall-Impjieg ta' Skrivana Full Time Skala 15 u talbet lis-Segretarju Ezekuttiv jaghti dettalji.
Is-Segretarju Ezekuttiv qara l-kontenut tal-korrespondenza u spjega li se johrog sejha interna skond il-procedura msemmija.
Is-Sur Maurice Agius qal li kif jidher, ghal dan il-post tista’ tapplika u se jimtela minn persuna li hija mpjegata mal-Kunsill back to back basis fuq l-istess Skala u staqsa jekk dan japplikax li qisha qed terga’ tibda mill-bidu u fuq liema notch. Hawn kompla jissaqsi li jekk din il-persuna tigi full time mal-kunsill hux ser isir sejha ohra ghall-impjegata ohra.

Is-Segretarju Ezekutti wiegeb li sejha se ssir skond ma huwa mitlub mill-proceduri msemmija, fir-rigward tan-notch se jghamel verifika u mhux ser jaghti risposta qabel ma jaghmel dan. It-talba ghall-impjegat iehor saret ghax hemm volum ta' xoghol, ghalhekk wara li ssir sejha interna u dan il-post jimtela, xorta trid ssir sejha ohra u din tkun ghal skala 15 u l-impjieg ikun back to back.

64.3.13 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda talba ghal partecipazzjoni <64.3.13> mill-Ghaqda Melita Banda San Guzepp ghas-sehem tal- banda fil-purcissjoni u kuncert tal-Milied li se ssir fit-22 ta' Dicembru.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew x'sehem jista' jiehu il-kunsill u approvaw li dan ghandu jkun logistiku u sa massimu ta' 300 Euro.

63.3.14 Is-Sur Maurice Agius xtaq iwassal ilment li l-lista tal-korrespondenza m'hijiex tintbaghat kull hmistax kif darba gie deciz.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li l-File tal-korrespondenza dejjem ikun hemm u xorta jista' jigi jarah kulhadd meta hemm bzonn bhal ma tghamel hi u xi kunsilliera ohra.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li veru li dan kien deciz u se jara li dan isehh, biss dan mhux dejjem possibli li tinzamm perjodu fiss minhabba ammont ta' xoghol iehor. Hawn kompla jghid li fejn ikun jikkoncerna lil kulhadd jew xi kunsillier ga ta struzzjoni u jaf li dawn jintbaghatu mal-ewwell.

64.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

64.4.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar ilmenti u rapporti lit-Trasport Malta dwar is-Subway tal-iSkatepark beda xi xoghol minn Trasport Malta.

Is-Sur Charles Selvaggi talab biex meta ikun hemm xi llmenti bhal dawn naghmlu nota bid-dettalji b'dak li il-kunsill qed jaghmel fir-rigward biex ngharrfu lir-residenti.

64.4.02 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hemmx konfermat li l-Parkegg Go Triq Rue D'Argens hux se jerga jsir.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai wiegbet li dan is-suggett ga ssemma hafna drabi f'laqghat ohra u qalet li dan ghandu jsir meta l-progett tal-Kappara jkun lest

64.4.03 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar Cirkulari AKL 83/2017 <63.3.01> -Laqgha tas-Sindki, 15 u 16 ta' Dicembru 2017 fil-Grand Hotel Mgarr Ghawdex u jekk jistax jattendi kunsillier iehor f'dan il-kaz is-Sur Maurice Agius bhala rapprezentant tieghu peress li hu ser jkun indispost.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ser jiccekkja u jaghtih risposta l-ghada.

64.4.04 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar Sejhet is-Sigar li hemm 14-il tifel u tifla li applikaw

64.4.05 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar email mill-Greenpak <63.3.12> li kellha tigi mghoddija lis-Sur Maurice Agius izda sal-gurnata tal-laqgha din ma rcevijiex. Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel verifika u jikkonferma li din fil-fatt intbaghtet fit-23 ta' Ottubru, gurnata qabel il-laqgha tal-kunsill.

Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk jistax jara.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb din jista' juriha anke wara li tispicca s-seduta.

64.4.06 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar il-korrespondenza mibghuta minghand haddiem ta' District Operations assenjat mal-Kunsill u risposta < 64.4.06 > tas-Segretarju Ezekuttiv fid-dettal ghal kull rimarka li ghamel is-Sur John Micallef. Hu staqsa jekk hux il-kaz li jigu diskussi dawn ir-risposti.

Is-Sur Lino Bartolo qal li ga huwa maghruf il-kontenut tar-risposti u m'hemmx aktar x'tiddiskuti. Hawn kompla jispjega li kien ga qal lis-Sur Micallef ilghala semma lilu fl-ittra meta dan ma kienx minnu u dan qal li kien qed jirreferi ghal persuna ohra, biss bhala kunsillier ihoss li dawn ir-risposti ghandhom jintbaghatu lis-Sur Micallef u ghalhekk talab lill-Kunsill biex jiddeciedi hekk.

Il-Kunsilliera Romina Galea u Emanuel Brincat qalu li huma ma hadu l-ebda email minghand is-Sur Micallef waqt li s-Sur Emanuel Brincat spjega dwar x'jigri meta ikun hemm xi problema mal-kuntratturi u kif huwa jikkomunika mas-Segretarju Ezekuttiv biex tittiehed azzjoni u mhux kif ried jallega is-Sur Micallef.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li m'ghandu l-ebda problema jibghat il-kopja tar-risposta lis-Sur Micallef ghax din taghmel parti mill-minuti u ghalhekk huwa pubbliku. Hawn kompla jghid li din il-kopja se jibghat ukoll lid-District Operations.

64.4.07 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti li ddiskuta mas- Sur Raymond Zammit dan l-ilment li ressaq is-Sur Matthew Agius dwar problemi kkawzati mill-gheluq ta' Toroq minhabba xoghol ta' kostruzzjoni u dwar in-nuqqasijiet ta' xi Wardens fejn hafna mill-ufficjali li suppost ikunu hemm biex jikkontrollaw it-traffiku. Hawn kompla jispjega li talab biex issir laqgha mal-partijiet interessati filwaqt li s-Sindku Margaret Baldachino Cefai waslet dan l-ilment f'seduta tal-kumitat dwar l-infurzar tal-LESA. Is-Segretarju Ezekutttiv ddiskuta dan l-ilment mas-Sur Raymond Zammit u talab biex ssir laqgha mal-partijiet interessati filwaqt li s-Sindku Margaret Baldachino Cefai waslet dan l-ilment f'seduta tal-kumitat dwar l-infurzar tal-LESA.

Is-Sur Emanuel Brincat Spjega li l-kuntratturi qed jinghataw struzzjonijiet ta' x' hemm bzonn isir u fejn ghandhom ikunu l-Wardens.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella ghadda kopja tal-ilmenti mibghuta lill-LESA u Trasport Malta.

Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx ghamel kopja tal-ilmenti li intbaghtu lill-LESA.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella ghadda kopja tal-ilmenti mibghuta lill-LESA u Trasport Malta u spjega li qed isir minn kollox biex ix-xoghol jigi koordinat anke meta ikun hemm bzonn ta' ufficjali minn kuntratturi li qed jahdmu fil-vicin jew l-istess toroq u anke mal-Kunsill Lokali tal-Gzira halli kemm jista' jkun intaffu ftit mil-problemi.

64.4.08 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar talba ghall-laqgha mill-GRTU dwar il-hatt ta' xoghol fil-Lokalita'. Din saret fil-binja tal-Kunsill fil-31 ta' Ottubru, fejn gew diskussi xi problemi li jista' ikun hemm gol-Imsida u fejn il-kunsill Lokali u l-GRTU jistghu jahdmu flimkien. Prezenti ghall-laqgha kien hemm is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, is-Segretarju Ezekuttiv <KL>Is-Sur Raymond Zammit <LESA>u is-Sinjuri Paul Abela u rapprezentanti tal <GRTU>

64.4.09 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar Inizjattiva, Financial Initiative Tarmac of Roads which fall under LC's responsibility, kien hemm problemi biex jibda x-xoghol fuq Triq Nazju Falzon u dan wassal biex nitolbu estenzjoni ta' zmien biex isir dan ix-xoghol jew isir xoghol go Triq ohra. Id-Dipartiment ta Estensjoni sat-28 ta' Frar.

Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar x'problemi kien hemm.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li meta kien hemm kollox lest biex jibda x-xoghol meta l-iskola tkun maghluqa. Il-Water Services gharrfu lill-Kunsill li hemm bzonn jinbidel il-main principali tal-ilma. Dan iwassal biex it-Triq trid tibqa maghluqa ghal hames gimghat jew aktar, ghalhekk minhaba l-access limitat ta' din it-triq, dan ma jippermettix dan it-tul ta' zmien biex it-triq tibqa' maghluqa f'zmien ta' skola. Ghalhekk qed tigi kkunsidrata alternattiva biex jekk l-evaluation board japprova ssir Triq Gwann Mamo halli l-fondi ma jintilfux.

64.4.10 Is-Sur Maurice Agius ppropona biex jigi rrangat il-parkegg hdejn Gnien il-Kunsill Lokali u biex ssir estenzjoni tal-bankina jew xi marka li tindika estenzjoni halli l- karozzi joqghodu 'il gewwa minnha.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li ga kienet staqsiet biex dawn isiru fish bone izda din ma gietx accetata mit-TM.
Is-Sur Emanuel Brincat ppropona biex niktbu lilt-TM halli naraw jekk nistghux naghmlu sinjali kif talab is-Sur Maurice Agius.

64.4.11 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk għadha ma saritx il-laqgħa biex jiġu ddentifikati liema huma il-Bollards u l-U bars approvati u biex dawn jiġu rregolarizzati .

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li ma saretx laqgha izda xorta kkomunika mas-Sur Domnic Vella u dawn se jittiehdu bhala applikazzjoni / kkunsiderati ghal kull wahda li hija mwahhla minghajr approvazzjoni u dawn se jiehdu ftit taz-zmien biex ikunu lesti. Fost dawn hemm xi applikazzjonijiet pendenti ghall U bars godda.

Is-Sur Maurice Agius talab biex ghalimenu jigu approvati fi zmien qasir il-Ubars ta' hdejn id-dutrina qabel ma jibdew jattendu it-tfal.

64.4.12 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar struzzjoni mit-Trasport Malta li Triq Sta Venera terga' tigi One Way 'l isfel, li din bdiet fis-sehh fl-4 ta' Novembru.
Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk nistghux nergghu nsaqsu lill Trasport Malta jekk tistax tigi except when flooding.
Is-Sindku Margaret Bakdachino Cefai qalet li dawn jergghu jsaqsu xi tfisser when flooding u kif se tikkontrollha.

64.4.13 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar it-tindif tal-fanali go Triq Rue D'Argens. Il-kuntrattur gie mqabbad biex jaghmel ix-xoghol.
Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk dan hux lest.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb dan suppost kellu jsir waqt li ikun qed isir l-gharmar tal-Milied li izda sal-gurnata l-kuntrattur ghadu ma nfurmahx li dan ix-xoghol sar. Ghalhekk ma jistax iwiegeb.

64.4.14 Is-Sur Lino Bartolo staqsa meta se jixghel id-dawl tal-Milied.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan ser jibda fl-1 ta' Dicembru.

64.4.15 Dwar Loading /Unloading bay ta' hdejn Jon David, Is-Segretarju Ezekuttuiv ta struzzjonijiet biex jigi verifikat bil-hinijiet differenti u ritratti tal-vetturi jekk hux isiru dawn l-abbuzi.

Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk marrux jiehdu r-ritratti biex ikun hemm provi.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li s'issa le, minhabba li min kellu jmur qed jiehu hsieb xoghol minflok persuna li wegghet fuq ix-xoghol u anke bil-fatt li huwa maqbud wkoll ghax kieku ga mar jiehu hsieb.
Is-Sur Maurice Agius offra li jekk irid jista' imur hu stess u jiehu xi ritratti u jibaghthom lis-Segretarju biex ikun hemm provi.

64.4.16 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar tabelli f'zoni residenzjali biex ma jsirx storbju u jinzamm il-kwiet li dawn waslu u ser jibdew jehlu fejn hemm bzonn, fosthom Triq Victor Denaro.

64.4.17 Is-Sur Lino Bartolo rringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv tali ha hsieb jikteb lis-Sur Desira bhala sid il-kumpanija Road Maintenance Services Ltd dwar il-fanal ta' Victor Denaro. Xtaq jghamilha cara li meta jitkellem fil-kunsill jaghmlu ghax jinteressah li dawn l-affarijiet isiru sew u biex ma nhallu lill hadd jaghmel li jrid bil-Kunsill qisu xejn mhu xejn u staqsa biex min ikun hemm prezenti jitkellem anke fuq l-irrigation tal-bandli li thalla bil-hsara. Ta' min jghid li dan kien hemm kuntrattur iehor involut u hemm irridu naraw min huwa responsabbli.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li s-Sur Desira baghatnilu email u ma hadna l-ebda twegiba u regghet intbaghtet email ohra ftit jiem wara flimkien ma' ittra registrata. Dan baghat email illum fejn talab xi dati fejn jista' jiltaqa mal-Kunsill u baghatnilu xi dati biex jaghzel minnhom. Hawn kompla jghid li jekk din il-laqgha ssir se jsejjah lis-Sur Bartolo biex jattendi.

64.4.18 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm zviluppi dwar l-istat tal-art mad-dawra tal-monument ghax din hija vera perikuluza u ma tantx tista' tintuza.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li din ghanda nressquha mal-ewwell meeting li jkun hemm mal-Awtorita' il-Gdida tat-toroq u biex din issir malajr kemm jista' jkun.

64.4.19 Is-Sur Lino Bartolo staqsa meta nistghu naghmlu sparatura ghall-hamiem u tkellem dwar meta naghmlu rapport ghal min qed jitma lill-hamiem baqa' ma sar xejn. Hawn kompla jghid li hemm iktar nies li qed jaghmlu dan anke fejn l-Ghajn tal-Hasselin u talab biex issir tabella hemm halli tavza li dan mhux permess.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella ha nota u se jara jekk hemx tabelli lesti jew jordna ammont biex dawn jehlu fejn hemm bzonn.

64.4.20 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar il-periklu fejn kostruzzjoni li tinstab tiela' hdejn il-muzew tas-subien. Is-Segretarju Ezekuttiv talab u giet approvata Pedestrian crossing temporanja minhabba nuqas ta' access ghall-bankina biswit dan l-izvillupp u ghandu jiltaqa' mas-sidien tal-kostruzzjoni biex din isir .

64.4.21 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar l-evalwazzjoni ghat-Tender tal-Bandli tas-Swatar li l-kuntratt gie ffirmat u x-xoghol se jibda fil-granet li gejjin.

64.4.22 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar nuqqas biex jigu mistiedna l-kunsilliera ghall-attivita' b'partecipazzjoni fejn intbaghtet ittra ta' protesta lil St. Joseph football Nursery.
Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm risposta.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li sal-gurnata ma gietx risposta.

64.4.23 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti li il-kumitat tas-sajjieda tlabna ghall-kopja tal-Istatut u biex tissejjah laqgha bejn rapprezentanti tal-Kunsill mal-kumitat.

64.4.24 Dwar talba ghar-rendikont ta' kemm nies mill-Imsida attendew ghall- korsijiet tat-TCTC, is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella pprezenta dokument < 64.4.24 >, u bl-informazzjoni u dettalji ohra mitluba.

**64.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

64.5.1 Is-Sur Emanuel Brincat talab biex immorru ghall-iskeda tal-pagamenti ghax daqt irid imur.

Is-Sur Maurice Agius qal li ghad fadallu x'jghid u ghandu xi proposti li xtaq jitkellem fuqhom.

Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li s-Sur Agius jista jaghmel din il-proposta biex tkun tista' tigi diskussa aktar 'il quddiem minhabba li kif ikollu jitlaq is-Sur Brincat ma jkunx hemm quorum biex tkompli s-seduta u ghad fadal l-iskeda tal- pagamenti li trid tigi approvata.

64.5.2 Is-Sur Maurice Agius tkellem fuq hrug perikoluz minn Triq < Princess Margaret ghall Triq Kosbor > u ppropona biex issir Traffic Management gdid li jinvolvi it-Toroq Antonio Sciortino ,Tajjar go L-Imsida u Toroq Patric Holland u Kosbor go Ta' Xbiex u pprezenta fuq il-mejda zewg pjanti wahda bis-sistema prezenti u ohra kif qed jipproponi li dawn ghandhom jigu.

Mibdula: < Princess Margaret ghall Triq Kosbor >

Is-Sur Emanuel Brincat qal li din tinvolvi lil Ta' Xbiex u hemm bzonn nitkellmu maghhom ukoll.

Is-Segretarju Ezekuttiv ha nota u se jitlob ghal-laqgha ma' rapprezentanti tal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex biex tigi diskussa.

**64.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

63.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K7-64 <dc 64 /7/01> ta' ħlasijiet għall-approvazzjoni tal-membri.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti, li dawn il-pagamenti jkopru invoices li l-Kunsill ircieva sal-gurnata ta' 28 ta' Novembru 2017.

L-iskeda giet proposta mis-Sur Emanuel Brincat u ssekondata mis-Sur Charles Selvaggi.

Skeda ġiet approvata unanimament.

**64.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

62.8.01 Is-Sur Emanuel Brincat skuza ruhu u halla s-seduta fit 8:40 pm u ma kienx hemm quorum. Il-laqgħa ntemmet fit-8:40 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta 19 ta' Dicembru 2017 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 19 ta Diċembru 2017

IFFIRMATA

Margaret Baldacchino Cefai		Alan Vella
Sindku		Segretarju Eżekuttiv